KUNSILL LOKALI BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**
**8 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 78**

**L-Erbgħa 20 ta' Marzu 2024**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur Alex Caruana | Kunsillier (online) |
| Is-Sa Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur Johann Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sa Doriana Portelli | Kunsilliera |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Simon Buttigieg | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Carlo Stivala | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Dr Alexander Borg Galea | Konsulent Ambjentali |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

**78.01 Qari tal-ittri t'apoloġija**

**78.01.01** Il-Kunsillier Simon Buttigieg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet personali. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**78.01.02** Rigward il-Kunsillier Carlo Stivala, is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li ma rċieva l-ebda komunikat.

**78.02 Approvazzjoni tal-minuti (Seduta 77)**

**78.02.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta l-minuti tal-laqgħa 77 lill-kunsilliera preżenti. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti tal-laqgħa msemmija.

**78.02.02** Fuq proponiment tal-Kunsilliera Maria Mifsud, u sekondata mill-Kunsillier Johann Borg, il-minuti tal-laqgħa 77 ġew approvati unanimament.

**78.03 Arising mill-minuti**

**78.03.01** Il-Kunsilliera Maria Mifsud tkellmet dwar punt 77.14.04, rigward iż-żbir tal-Housing Estate. Hija staqsiet jekk inġabrux il-kwotazzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li se jiċċekkja dwarhom.

**78.03.02** Il-Kunsilliera Maria Mifsud tkellmet dwar punt 77.14.02, rigward il-lista li kellha tintbagħat lill-Onor. Membru Parlamentari Omar Farrugia. Hija staqsiet jekk din intbagħtitx. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-lista għadha qed tiġi miġbura.

**78.04 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**78.04.01** Ma kien hemm l-ebda kwotazzjoni biex tiġi approvata.

**78.05 Skeda ta' pagamenti u petty cash**

*Skeda ta' pagamenti:*

**78.05.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet għal iktar informazzjoni dwar pagament numru 18. Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda li l-foreman kien talab xi affarijiet għal xi xogħlijiet, però se jikkonferma huwa stess mal-foreman.

**78.05.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar pagament numru 99. Hi rrimarkat li dak il-pagament kellu jidħol mal-lista tal-petty cash. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat wieġeb li dan il-pagament ilu jsir diversi xhur issa għax ħadd ma ried jieħu l-inkarigu li l-flus tal-petty cash jidħlu fil-kont personali tiegħu u mbagħad jiġbidhom lura sabiex il-Kunsill ikollu flow ta' petty cash dejjem. Għalhekk, sabiex il-Kunsill jibqa' jkollu dan il-fond, is-Segretarju Eżekuttiv offra li jibda jagħmel dan ix-xogħol hu. Is-Sindku Scott Camilleri kompla jispjega li din tinsab fl-iskeda ta' pagamenti billi din tinkludi ħruġ ta' flus.

*Petty cash:*

**78.05.03** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Joseph Farrugia, u sekondat mill-Kunsillier Johann Borg, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

**78.06 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**78.06.01** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem mas-surmast tal-iskola primarja u mal-handyman dwar jekk hux possibbli li l-parkeġġ tal-iskola jkun miftuħ matul is-sena kollha. Huma qablu li jekk il-handyman ma jsibx oġġezzjoni, fis-6.30am iridu jinħarġu l-karozzi kollha pparkjati minn ġol-iskola. Is-Sindku Scott Camilleri semma li bħalissa mhux qed jibqgħu karozzi pparkjati hemm matul il-ġurnata u li r-residenti qed jikkoperaw ħafna.

**78.06.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rigward il-berġa tas-saħħa se jkun hemm is-smigħ għall-aħħar tal-ġimgħa min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar it-talba li għamlet biex ikun hemm il-clearance tas-CRPD, peress li ma kinitx intalbet fl-ewwel permess. Huwa qal li se jżomm lil kulħadd aġġornat.

**78.06.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li x-xogħlijiet fi Ġnien l-Indipendenza mixjin ġmielhom. Huwa qal li nqalgħet l-art kollha kif ukoll il-ħitan antiki u qed isiru l-ġodda. Semma wkoll li għaddej xi xogħol min-naħa ta' Project Green biex tinbidel il-bankina tal-madwar.

**78.06.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li x-xogħlijiet fil-ġnien f'Tal-Papa mixjin ġmielhom ukoll. Qal li l-pjan hu li sal-aħħar tal-ġimgħa għandu jingħata l-konkos fil-bażijiet il-ġodda. Semma wkoll li wara l-aħħar laqgħa li kellhom irriżulta li t-toqob li kienu saru għall-apparat tal-bandli ma kinux fondi biżżejjed u kellhom jerġgħu jitħaffru iktar sabiex ikunu iktar b'saħħithom. Il-pjan hu li għat-tielet ġimgħa t'April ix-xogħol tal-bandli rikreattiv ikun finalizzat.

**78.06.05** Is-Sindku Scott Camilleri ta aġġornament fuq l-arbli ta' San Ġorġ fejn qal li, b'kordinament mal-kuntrattur tad-dawl tal-Kunsill, ġiet maqtugħa s-sistema tad-dawl t'hemmhekk u li sa dik il-għodwa stess inqala' arblu ieħor li kien ta' periklu. Huwa semma wkoll li għaddej proċess biex l-arbli li hemm ħżiena jinqalgħu. Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet jekk hix se ssir xi ħaġa temporanja, minflok. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li se jsir fustun u xi reflectors.

**78.06.06** Il-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet li bħalissa qed isir xi xogħol in-naħa ta' San Ġorġ mill-ħaddiema tat-Turiżmu. Hija qalet li staqsiet lill-ħaddiema jekk hux ħa jiġi rranġat il-ħadid ta' quddiem il-kappella, iżda qalulha li dan mhux se jintmess billi l-ħadid tmermer bis-sadid. Is-Sindku Scott Camilleri rrimarka li għaddej proċess mal-Public Works u li wara li titlesta lokalità oħra, ikun imiss lil Birżebbuġa għall-iggalvanizzar u t-tibdil tagħhom.

*Fis-17:50 l-Kunsilliera Doriana Portelli daħlet għal-laqgħa.*

**78.06.07** Is-Sindku Scott Camilleri semma li għadu kif ħareġ il-permess biex issir roundabout u jinqalgħu t-traffic lights fil-junction taż-Żejtun, fejn se jsir il-kumpless tax-xiri. Huwa semma li dan se jkun ta' inkonvenjenza kbira biex wieħed jidħol għal Birżebbuġa billi se jkun hemm konġestjoni kbira u dik it-triq hija l-unika waħda li tagħti għal Birżebbuġa, apparti dik ta' Ħal Far. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li ssir talba lill-Perit William Lewis sabiex issir ittra mill-att tekniku tal-problema li se tinħoloq b'din ir-roundabout.

**78.06.08** Il-Konsulent amjentali tal-Kunsill Dr Alexander Borg Galea ipparteċipa online sabiex jagħti spjegazzjoni fuq l-applikazzjoni tal-Bajja s-Sabiħa (PA 448/24). Din l-applikazzjoni tittratta tqegħid ta' ramel sabiex b'hekk il-bajja tikber bi 30 metru. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li hu tal-fehma li l-Kunsill irid joġġezzjona li jintefa' r-ramel li se jtellgħu mill-baħar fir-ramla. Hu tal-opinjoni li, filwaqt li m'għandhiex tkun oġġezzjoni li jsir id-dredging, dak kollu li jitla' mill-qiegħ m'għandux jerġa' jintrema fil-port, u li l-bajja m'għandhiex titkażbar iktar milli hi. Wara diskussjoni libera ħadd mill-kunsilliera ma qabel li din il-bajja titkażbar iktar milli hi fil-preżent u għalhekk għandna noġġezzjonaw bis-sħiħ din l-applikazzjoni. L-ittra mħejjija se tkun qed tintbagħat fi żmien qasir bir-rimarki u l-oġġezzjoni tal-Kunsill quddiem l-awtorità.

## 78.07 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**78.07.01** Ma kien hemm l-ebda mozzjoni u rakkomandazzjoni.

## 78.08 Korrispondenza

**78.08.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm triq bejn iż-Żurrieq u Birżebbuġa (Ħal Far) li m'għandhiex isem. Is-Sindku Scott Camilleri kompla billi qal li ġejna avviċinati mill-Uffiċċju tal-Elettorat, billi dawn għandhom f'idejhom l-ismijiet tat-toroq, sabiex din it-triq tingħata isem. Huwa qal ukoll li l-isem li se jiġi suġġerit irid ikun maqbul kemm mill-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa kif ukoll mill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil issuġġeriet l-isem ta' 'Triq il-Laboratorju tal-Paċi'. Il-kunsilliera kollha qablu ma' dan is-suġġeriment.

**78.08.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li matul il-ġimgħa li għaddiet kellmitu l-Kunsilliera Maria Mifsud rigward xi tight clips li ġew mormija fil-Bajja s-Sabiħa. Huwa qal li saret riċerka u l-aħħar rekord li nstab, fuq is-sid tat-trampoline, imur lura għal 2016 (l-aħħar permess imħallas il-Kunsill). Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat spjega li kellem lis-sid, fejn dan tal-aħħar qallu li għandu xi permessi min-naħa tal-Awtorità tal-Artijiet però għandu jibgħat ukoll talba lill-Kunsill sabiex jinħariġlu permess sal-aħħar ta' Settembru ta' din is-sena. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat staqsa jekk il-permess hux se jingħatalu. Is-Sindku Scott Camilleri semma li huwa importanti li t-termini u l-kundizzjonijiet jitniżżlu u jindikaw ċar li l-Kunsill mhuwiex responsabbli għal ħsarat, inċidenti, etċ, u li s-sid ikun kommess li jġib il-polza tal-assigurazzjoni wkoll. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu li jingħata l-permess mil-lum sal-aħħar ta' Settembru 2024.

**78.08.03** Is-Sindku Scott Camilleri qal li rċivejna korrispondenza min-naħa ta' Birżebbuġa Water Polo Club fejn ġejna infurmati li għall-aħħar ta' Mejju se tiġi organizzata maratona ta' 24 siegħa water polo bil-għan li jinġabru fondi għall-organizzazzjoni Puttinu. Dawn talbu li l-Kunsill jidħol b'kollaborazzjoni magħhom għal

din l-attività u xtaqu li l-Kunsill jerfa' l-ispiża tal-ambulanza, li tammonta għal madwar €500. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat staqsa jekk hux possibbli nitolbu bil-miktub lill-imsemmija organizzazzjoni li din il-maratona se ssir biex jinġabru fondi għaliha. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu ma' din l-inizjattiva.

**78.08.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza mingħand avukat, fejn dan semma li peress li ż-żona ta' Wied il-Buni hija żona li ma jitteħidx ittestjar tal-ilma minnha, u l-Kunsill kien għamilha żona permessa għall-għawm tal-klieb, skont il-liġi din tiġi meqjusa wkoll bħala żona li hija tajba għall-għawm ta' kwalunkwe annimal domestiku. Is-Sindku Scott Camilleri qal li huwa bagħat lill-Ministru Anton Refalo, li huwa responsabbli mill-annimali, u staqsieh jekk hemmx indikazzjoni iktar ċara bejn annimali domestiċi u dawk li jistgħu jagħmlu użu minn żoni għall-għawm. Huwa qal li wara ħafna żmien irċivejna lura li din trid tiġi mitkellma mal-Awtorità tas-Saħħa Pubblika. Huwa kompla jispjega billi qal li min-naħa tagħna rridu nitkellmu mal-awtorità li rreferewna għaliha. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li billi din il-korrispondenza ġiet mibgħuta minn avukat, il-Kunsill għandu jqabbad l-avukat tiegħu sabiex jikkomunikaw bejniethom. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu li nistennew direzzjoni mingħand l-Awtorità tas-Saħħa Pubblika u nimxu minn hemm.

## 78.09 Rapport tax-xogħlijiet mill-Contracts Manager

**78.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li bħalissa għaddejjin it-tenders tal-bulky refuse kif ukoll tal-car park tal-Freeport. Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet jekk infurmajniex bit-tariffa lil min ħa jieħu t-tender tal-car park. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li biex tkun stabbilita t-tariffa, din trid tiġi bilfors maqbula mal-Kunsill.

## 78.10 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**78.10.01** Il-Kunsillier Alex Caruana xtaq ikun jaf jekk fin-nomini ta' Jum il-Mara kienx hemm aktar persuni nominati u kif saret l-għażla. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li kien hemm iktar minn persuna waħda nominata u li l-lista qiegħda għad-dispożizzjoni tiegħu. Rigward l-għażla huwa semma li sar rapport minn bord indipendenti li kien magħmul minn Dr Alessia Psaila Zammit u mis-Sur Hugh Zammit. Filwaqt li l-Kunsillier Alex Caruana qabel mad-deċiżjoni tal-bord għall-persuna magħżula, li kienet is-Sinjorina Ena Marie Mifsud, huwa qal li bħala kunsillier kellu jkun infurmat dwar minn min se jkun magħmul il-bord u kif ukoll li kellu jiġi maqbul minn kulħadd. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li billi ma kienx hemm linji gwida ta' kif il-persuna għandha tintgħażel, huwa ma setax jieħu l-inkarigu li jagħżel hu u għalhekk ġie deċiż li jkun hemm 2 persuni indipendenti sabiex jagħżlu huma. Semma wkoll li jekk din l-inizjattiva tibqa' ssir kull sena, huwa jipproponi li jinħatar bord fejn kulħadd ikun qabel fuqu.

**78.10.02** Il-Kunsillier Alex Caruana ġie infurmat li sar xi railing tal-istainless steel fuq barra ta' Blokka D tal-Housing Estate. Huwa xtaq ikun jaf jekk dan sarx minn xi entità. Is-Sindku Scott Camilleri spjega li dan kien hemm ir-railing tal-imsemmija blokka fejn se ssir ir-rampa u reġa' twaħħal ir-railing fin-nofs kif kien qabel. Huwa kkonferma wkoll li dan ir-railing mhuwiex tal-istainless steel.

**78.10.03** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa jekk Infrastructure Malta għaddewx lill-Kunsill xi pjanti tal-proġett li qed isir il-Qajjenza u kif ukoll irid jiġi deċiż x'se jsir

minħabba s-slipway, billi diġà avviċinawh mal-20 ruħ. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li ma kienx hemm qbil li ssir is-slipway f'nofs ix-xatt. L-unika komunikazzjoni li kien hemm kienet li se jsir xi tindif fil-Qajjenza. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li madwar Novembru li għadda kien hemm persuna li qalet li kienet għaddejja minn fejn hemm is-slipway u nnutat li taħt il-konkos huwa vojt. Huwa qal li kien mar jittawwal filgħaxija u nduna li din is-slipway kienet saret minn xi nies mhux professjonali u għalhekk mhijiex sigura. Qal ukoll li kien intbagħat il-foreman b'xi barriers biex ma jidħlux bil-karozzi u ntbagħtet korrispondenza lill-perit ta' Infrustructure Malta Dr Janice Borg. Il-perit marret fuq il-post u kkonfermat li din hija perikoluża u kellha titwaqqa' mill-ewwel min-naħa tagħhom. Il-Kunsillier Alex Caruana kompla billi qal li għall-ħabta ta' Diċembru avviċinatu persuna oħra sabiex tgħidlu li fl-istess post saru xi barriers. Huwa għamel kuntatt ma' Infrastructure Malta fejn dawn tal-aħħar qalulu li se jsir proġett ħalli jkabbru l-bajja u jsir il-pavimentar li fadal. Meta l-Kunsillier Alex Caruana staqsiehom dwar is-slipway, ir-risposta kienet li ġewwa Birżebbuġa hemm ħafna slipways. Huwa żied billi qal li aktar qabel dawn kienu tawna għażla oħra għas-slipway: fejn ir-Restorant Ferretti iżda mill-ERA kienu oġġezzjonaw peress li hemmhekk kollu blat u jekk jintefa' l-konkos fuqu ħa tispiċċa tinqered dik iż-żona. Huma ħarġu bl-idea li s-slipway issir eżattament kif tispiċċa l-bajja li qed issir bħalissa. Is-Sindku Scott Camillieri qal li, fiċ-ċirkostanzi, l-aħjar huwa li nitkellmu mal-periti inkarigati mill-proġett tas-siċċa sabiex isir pjan ħalli ninkorporaw is-slipway imsemmija u l-proġett tas-siċċa.

**78.10.04** Il-Kunsillier Alex Caruana xtaq jistaqsi dwar il-pjan għall-parkeġġ residenzjali. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li fl-aħħar tas-sajf li għadda kien hemm il-laqgħa tas-sindki fejn kienu mgħarrfa li l-Gvern se jkun qiegħed jirrevedi l-proċess rigward il-parkeġġ bil-ħin u dak residenzjali f'numru ta' lokalitajiet u l-AKL lesta tilqa' r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsilli. Qal ukoll li min-naħa tal-Kunsill irid ikun hemm komunikazzjoni mal-perit ħalli b'hekk ikunu jistgħu jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet.

**78.10.05** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa minn fejn se jinġieb ir-ramel biex titkabbar ir-ramla tal-Bajja s-Sabiħa u jekk il-Kunsill kienx ikkonsultat fuq il-kobor suġġerit tagħha. Is-Sindku Scott Camilleri rrimarka li t-tweġiba għal din il-mistoqsija ngħatat iktar qabel minn Dr Alexander Borg Galea.

## 78.11 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

**78.11.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li nfetaħ it-tender tal-bulky refuse, fejn kien hemm 6 bidders għalih. L-evalwazzjoni se ssir fl-10 t'April 2024. Dwar it-tender tal-car park dan se jagħlaq nhar il-5 t'April 2024.

**78.11.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat flimkien mal-kunsilliera ferħu u awguraw lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell, li fl-aħħar jiem ġiet maħtura Segretarju Eżekuttiv ġewwa Ħal Luqa.

**78.11.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat irrimarka li skada t-tender tal-apparat tal-bandli. Dan huwa tender ta' 4 snin u jiġġedded kull sena. Huwa informa lill-kunsilliera preżenti li dan ġie mġedded għal sena oħra.

## 78.12 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2023

**78.12.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta kopja tar-rapport amministrattiv u dak finanzjarju għas-sena 2023. Ir-rapport amministrattiv ġie approvat.

## 78.13 Laqgħa annwali tal-lokalità

**78.13.01** Minħabba ċirkostanzi li ma kellnix kontroll fuqhom, il-laqgħa annwali ġiet posposta għal nhar it-Tlieta 9 t'April 2024, fil-17:30.

## 78.14 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi

**78.14.01** Is-Sindku Scott Camilleri kien talab lill-Kunsillier Alex Caruana jiċċekkja jekk hux possibbli li Triq Ferdinand Stuflesser II issir one-way. Is-Sindku Scott Camilleri qal li kien hemm qbil bejnu u bejn il-Kunsillier Alex Caruana li għalissa, billi t-triq mhix daqshekk traffikuża, tibqa' kif inhi.

**78.14.02** Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li l-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità fi Triq Birżebbuġa ma' Triq Santa Katarina jerġa' jiġi friskat u jibqa' fejn kien qabel.

*Fis-19:30 il-Kunsillier Joseph Farrugia talab sabiex jiġi skużat mis-seduta.*

**78.14.03** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar żewġ stands tal-bejjiegħa tal-ħaxix ġewwa Triq Żaren Dalli, fejn dawn kienu applikaw ma' Transport Malta u ngħataw il-permess bil-ħinijiet. Huwa qal li bħala Kunsill kif ra li dawn ma kinux qed jintużaw. intbagħtu l-ħaddiema tal-Kunsill u reġgħu nżebgħu bojod. Spjega li ftit jiem wara l-Kunsill ġie avviċinat miż-żewġ bejjiegħa li dawn kellhom il-permessi mħallsa. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li jkun hemm komunikat ma' Transport Malta sabiex isir assessjar ħalli jekk il-kaxxi mhumiex jintużaw, dawn jerġgħu jsiru kaxxi bojod għall-parkeġġ.

**78.14.04** Is-Sindku Scott Camilleri qara korrispondenza ta' resident li ssuġġerixxa li fi Triq Tal-Ġebel isiru aktar speed humps. Il-Kunsillier Alex Caruana rrisponda li l-perit diġà bagħtilna l-pjanti fil-ġimgħa li għaddiet. Is-Sindku Scott Camilleri qal li se jiċċekkja jekk humiex diġà mniżżlin fl-applikazzjoni li hemm approvata.

**78.14.05** Il-Kunsillier Alex Caruana bagħat email fejn semma li persuna qalet li Triq il-Maqdes m'għandhiex tkun triq li toħroġ u tidħol minnha. Huwa ssuġġerixxa li l-pjanta ta' Triq Arturo Issel tgħaddi għand il-Perit Luke Portelli, flimkien mal-permess ta' Transport Malta u tal-Awtorità tal-Ippjanar.

**78.14.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna l-approvazzjoni min-naħa ta' Transport Malta rigward il-pjan tal-immaniġġjar tat-traffiku ta' Triq il-Kostituzzjoni ma' Triq San Tumas. Spjega li t-talba kienet li Triq il-Kostituzzjoni tiġi one-way (titla' biss).

**78.14.07** Is-Sindku Scott Camilleri qal li waslu wkoll il-permessi tat-traffic calming measures ta' Triq San Tumas, fejn hemm waħda biswit il-ġnien, oħra ftit iktar 'il fuq mill-ġnien u l-oħra f'tarf it-triq, qabel Misraħ tal-Pajtier. Huwa qal ukoll li hemm lista ta' 11-il triq oħra.

**78.14.08** Is-Sindku Scott Camilleri semma li s-sidien tal-Lukanda Seabreeze qed jipproponu bankina b'wisa' indaqs tul it-triq kollha sabiex il-parkeġġ li kien hemm qabel jitneħħa u jkunu jistgħu jinħarġu s-siġġijiet u l-imwejjed tal-lukanda. Il-Kunsill oġġezzjona għal din it-talba.

**78.14.09** Is-Sindku Scott Camilleri qal li ftit tal-jiem ilu bdiet is-sistema l-ġdida tar-rotta 82. Semma li hemm xi diffikultajiet li jridu jiġu indirizzati, b'mod speċjali l-ħin tal-bidu tar-rotta u r-rotta nnifisha. Qal li fil-laqgħa li attendew għaliha hu flimkien mal-Viċi Sindku Josette Busuttil u l-Kunsillier Johann Borg iddiskutew ir-rotta u d-diffikultajiet li ġabet magħha. Semma li billi r-rotta 80 hija twila u għalhekk daqsxejn diffiċli biex jinbidel il-ħin, ingħataw għażla oħra, dik li t-82 tinqasam fi 2 (82 u 82A), fejn 82A tibda taħdem kull siegħa minflok kull kwarta. Tenna li bħalissa Birżebbuġa qed isservi 5 vjaġġi, u b'dis-sistema l-ġdida waħda minnhom tiġi 82A. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil issuġġeriet li 82A tibda minn Triq Tal-Ġebel fil-5am ħalli b'hekk l-ewwel vjaġġ jimtela kemm jista' jkun. Is-Sindku Scott Camilleri qal li talab laqgħa urġenti mal-ministeru biex tiġi indirizzata r-rotta 80 kemm jista' jkun malajr.

**78.14.10** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li bagħtet email fir-rigward tal-bankina mkissra fi Triq FM Ferretti iżda ma kellha l-ebda tweġiba. Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda li hu wieġeb fuq din l-email u qal li billi l-bankini huma responsabbiltà tal-Kunsill Lokali u hu diġà talab għall-kwotazzjoni tal-ispejjeż li hemm. Huwa ssuġġerixxa li bħala Kunsill tintbagħat ittra lil din il-persuna li għamlet ix-xogħlijiet tal-bankina sabiex dan jirranġaha malajr kemm jista' jkun. Il-kunsilliera preżenti ddeċidew li din trid issir fi żmien ġimgħa u jekk ma ssirx irid isir rapport mal-pulizija.

**78.14.11** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li kien kellmu resident li joqgħod Triq il-Qroll u li juża siġġu tar-roti awtomatiku u ssuġġerielu li Triq il-Borok tiġi one-way. Il-kunsilliera preżenti ma qablux ma' dan u għalhekk il-Kunsillier Alex Caruana qal li jekk jerġa' jiltaqa' ma' dan ir-resident se jipprova jsiblu soluzzjoni oħra.

**78.14.12** Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li kienet bagħtet email rigward il-ħadid tal-Qajjenza. Is-Sindku Scott Camilleri qal li ħadlu ritratt u kellem il-foreman biex jitranġa. Il-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet ukoll li hemm tabella biex ma jinżlux il-muturi però dawn xorta qegħdin jinżlu. Hija xtaqet li jiżdied iktar ħadid biex ma jinżlux iktar muturi, iżda l-Viċi Sindku Josette Busuttil ġibdet l-attenzjoni li ma tistax tagħlaq iktar l-aċċess billi jinżlu wkoll persuni b'diżabilità.

## 78.15 Proġetti u skemi

**78.15.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li rċivejna korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn infurmawna li ħarġet skema SPI/SCI/06/2024 dwar tnedija mill-ġdid tal-inklussività fil-komunità, fejn tipprovdi xogħol li jista' jkun fuq bażi part-time jew full-time. Huwa qal li laħaq tkellem mal-foreman u mas-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat. Semma li fuq ġewwa m'hemmx lok għal xogħol amministrattiv, iżda mill-banda l-oħra xogħol manwali dejjem ikun hemm lok għalih. Il-kunsilliera preżenti qablu li għandha tintefa' l-applikazzjoni sabiex ikun hemm ħaddiem manwali.

## 78.16 Edukazzjoni, saħħa, indafa u ambjent

**78.16.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li rċivejna proposta minn ħanut tat-teknoloġija biex jirranġaw il-laptops personali, backups, tneħħija ta' viruses, formatting, tindif ta' laptops, etċ. Dawn qed jissuġġerixxu li għal €5,000 fis-sena r-resident ikun jista' jibbenifika minn dawn is-servizzi b'xejn. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat mill-ewwel talab għal direzzjoni, min-naħa tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, marbuta ma' din il-proposta. Id-Diviżjoni bagħtet linji gwida dwar kif dan it-tip ta' ftehim u xiri jrid isir. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li nigbru kwotazzjonijiet oħra għall-istess servizzi, imbagħad ikun il-Kunsill li jiddeċiedi jekk japprovax li joffri dan is-servizz.

**78.16.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li kellha laqgħa dwar servizz ta' psikoloġija fil-komunità biex jibdew isiru sessjonijiet ta' parenting. Semmiet li dawn se jidħlu fil-fond u huma ta' interess kbir, però ntalab l-ammont ta' €40 għal 4 sessjonijiet. Il-Kunsill qabel li għalissa noħorġu espressjoni t'interess għal dawk li huma interessati.

**78.16.03** Il-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet li ġibdulha l-attenzjoni li d-dawl tat-toroq qed jintefa fis-7:15am. Hija staqsiet jekk jistax jintefa iktar kmieni biex tiġi evitata l-light pollution. Is-Sindku Scott Camilleri talabha sabiex tibgħatlu email ħalli jgħaddiha lill-kuntrattur tal-Kunsill.

**78.16.04** Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li ħdejn iż-żona tad-dgħajjes, ħdejn il-Kunsill Lokali, qed ikun hemm ħafna ħmieġ u dgħajjes mitluqin. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li se jsir komunikat mas-surġent tal-pulizija tal-komunità sabiex jitwaħħlu notifiki fuq l-iżgumbrament ta' karrijiet mitluqa hemmhekk.

**78.16.05** Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li hemm problema bis-siġar tal-ficus fi Triq il-Kunċizzjoni għax iridu jinżabru. Is-Sindku Scott Camilleri qal li hemmhekk iridu jieħdu ħsiebu Project Green.

**78.16.06** Il-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet li t-tisqija trid tiżdied għal imqar darbtejn fil-ġimgħa. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li titkellem mal-contracts manager sabiex tara l-kuntratt preċedenti.

**78.16.07** Il-Kunsillier Johann Borg tkellem fuq it-tkabbir tal-impjant tal-ħut, fejn qal li ntbagħtu diversi emails lis-CEO ta' Malta Enterprise u kif ukoll lil INDIS, però dawn wieġbu li ma jistgħux jagħtu informazzjoni. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li minflok l-email tintbagħat lil Malta Enterprise, din għandha tintbagħat lil min hu responsabbli minn din l-entità. Il-Kunsillier Johann Borg qal li ħarġu anke mistoqsijiet parlamentari fuq din. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Johann Borg biex jibgħat kopja ta' dawn il-mistoqsijiet lis-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat sabiex imbagħad is-Sindku Scott Camilleri jiċċekkja direttament mal-ministeru inkarigat.

## 78.17 Attivitajiet, kultura, żgħażagħ u sport

**78.17.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li hemm l-attività ta' San Girgor ġejja u wara dik imiss l-attività ta' Jum l-Omm.

**78.17.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm attività oħra li ntbagħtet lilu mill-Viċi Sindku Josette Busuttil. Hija qalet li din ġiet mitluba mill-iskola primarja biex flimkien nagħmlu attività bħal Easter egg hunt. Il-Kunsill qabel li jixtri l-bajd għal din l-attività mill-iskola.

**78.18 Affarijiet oħra**

**78.18.01** Il-Kunsillier Johann Borg semma li bqajna ma rċivejna l-ebda risposta fuq il-bus shelters.

**78.19 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**78.19.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fid-20:45, wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha. Il-laqgħa li jmiss se tkun il-laqgħa annwali li se ssir it-Tlieta 9 t'April 2024, fil-17:30. Is-seduta tal-Kunsill ġiet aġġornata għal, nhar it-Tlieta 16 t'April 2024, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta 16 t'April 2024.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |